Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,567, 5 ta' Frar, 2021

Taqsima B

A.L. 42 tal-2021

ATT DWAR L-ARMI
(KAP. 480)

Regolamenti tal-2021 dwar is-Sospensjoni tal-Kundizzjonijiet rigward it-Tiġdid ta' Liċenza A Speċjali ta' Sparatur fuq Targets

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 65 tal-Att dwar l-Armi, il-Ministru responsabbli għall-Pulizija għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar is-Sospensjoni tal-Kundizzjonijiet rigward it-Tiġdid ta' Liċenza A Speċjali ta' Sparatur fuq Targets. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra: Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Armi; Kap. 480.

"Regolamenti" tfisser ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Armi. L.S. 480. 02.

3. Detentur ta' Liċenza A Speċjali ta' Sparatur fuq Targets għandu jkollu l-liċenzja tiegħu mġedda għas-sena 2021 anke jekk ma jissodisfax ir-rekwiżit indikat fir-regolament 21A(6) tar-Regolamenti, diment li jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha fil-liġi. Tiġdid ta' Liċenza A Speċjali ta' Sparatur fuq Targets.